MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2018

Rikors Maħluf Numru 698/2016 LM

**Pierre Cremona**

***vs.***

**L-Avukat Ġenerali;**
**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fit-12 t'Awwissu, 2016 mir-rikorrent **Pierre Cremona** (K.I. Numru 286273M) (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent") *ai termini* tal-artikolu 22Ċ tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-esponent tressaq il-Qorti akkużat talli, fit-tnejn u għoxrin (22) ta'Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009) u fil-jiem ta' qabel, fost l-oħrajn, assoċja ruħu ma' persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew*

*jittraffika mediċina perikoluża, u ċioè d-droga eroina, kif ukoll li kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina;*

2. *Illi permezz ta' digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) datat l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009) l-assi kollha tar-rikorrenti ġew iffriżati;*

3. *Illi sussegwentement permezz ta' sentenza datata s-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) fl-ismijiet* **Ir-Repubblika ta' Malta *vs.* Pierre Cremona**, *liema sentenza llum hija res judicata stante illi ma ġietx appellata, il-Qorti Kriminali fuq ammissjoni sabet lill-appellant ħati tal-akkużi miġjuba kontrieh u barra l-piena ta' priġunerija u l-ħlas ta' multa ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tiegħu, liema sentenza qed tiġi annessa u mmarkata bħala 'Dok.A';*

4. *Illi l-esponent qiegħed preżenzjalment jipprevalixxi ruħu mid-dispost tal-Artikolu 22C tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jottjeni dikjarazzjoni li l-proprjetà kollha tiegħu kemm mobbli kif ukoll dik immobbli hekk konfiskata, mhix profitt jew dħul mill-għemil ta' xi reat taħt dik l-Ordinanza jew akkwista direttament jew indirettament minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dak u sabiex għaldaqstant l-istess proprjetà hekk konfiskata ma tibqax hekk konfiskata u tintradd lura lir-rikorrenti;*

5. *Illi jirriżulta ċar, anke prima facie illi l-assi mertu tal-proċeduri odjerni ġew akkwistati mir-rikorrenti qabel il-perijodu indikat fl-akkuża, u dan peress illi l-Pulizija akkużaw lir-rikorrenti illi huwa xjentement u illegalment li jibda traffika u biegħ id-droga eroina f'Malta b'assoċjazzjoni ma' ħaddieħor għall-perijodu tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009) u l-jiem ta' qabel;*

6. *Illi kif ser jiġi ppruvat aħjar fil-mori tal-kawża, l-esponent fil-perijodu fejn akkwista dawn l-assi kellu impjieg bi qliegħ u għalhekk il-provenjenza tal-assi tiegħu hija ċara;*

7. *Illi l-esponent huwa l-proprjetarju, fost assi oħra, ta' tromba tat-taraġ, u kif ukoll tal-arja ta' garaxx, it-tnejn sitwati ġewwa Triq San Tumas, il-Fgura, illi kien xtara f'ismu stess nhar l-għaxra (10) ta' April tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995), liema estratt mir-riċerki qiegħed jiġi anness u mmarkat bħala Dok. B;*

8. *Illi inoltre, l-esponent huwa wkoll proprjetarju ta' settima (1/7) parti indiviża tal-fond bin-numru uffiċjali tlettax (13) li qabel kien iġib in-numru sebgħa (7), fi Triq il-Palma, ġewwa Ħal Tarxien, li ġie akkwistat mill-esponenti u martu Iris Cremona*

*fis-sena elfejn u tmienja (2008), liema estratt mir-riċerki qiegħed jiġi anness u mmarkat bħala 'Dok. C';*

9. *Illi di più, fis-sena elfejn u disgħa (2009) ir-rikorrenti ġie assenjat u ttrasferit b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli, sehem ta' tmintax-il parti indiviża minn tmienja u għoxrin (18/28) parti, tal-fond bin-numru uffiċjali tlettax (13), li qabel kien iġib in-numru sebgħa (7), fi Triq il-Palma, ġewwa Ħal Tarxien, liema estratt mir-riċerki qiegħed jiġi anness u mmarkat bħala 'Dok. D';*

10. *Illi r-rikorrenti għandu wkoll is-somma ammontanti għal għaxart elef Euro (€10,000) iddepożitata minnu ġewwa l-Qrati tal-Ġustizzja rappreżentanti depożitu ta' garanzija għall-ħelsien mill-arrest tal-istess rikorrenti fil-proċeduri kriminali kontrieh depożitati minnu stess, liema kif diġà ġie rilevat ġew definittivament deċiżi nhar is-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016), liema kopja b'ċedola ta' depożitu enumerata 2088 qiegħda tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. E;*

11. *Illi r-rikorrent għandu wkoll is-somma ammontanti għal elfejn Euro (€2,000) iddepożitata minnu ġewwa l-Qrati tal-Ġustizzja rappreżentanti depożitu ta' garanzija għall-ħelsien mill-arrest tal-istess rikorrenti fil-proċeduri kriminali kontrieh, liema depożitu ġie ddepożitat mill-esponenti nhar l-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009);*

12. *Illi r-rikorrent għandu wkoll f'ismu diversi investimenti u poloz tal-assigurazzjoni liema investimenti kienu kollha poloz magħmula qabel il-perijodu tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għaldaqstant m'humiex soġġetti għall-konfiska;*

13. *Illi kif se jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, dawn il-flus mhux il-proprjetà tar-rikorrenti, iżda ta' familjari tiegħu, u konsegwentement ukoll mhux suġġetti għall-konfiska ai termini tal-liġi;*

*Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha ai termini tal-artikolu 22C u 22D tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta tirrevoka l-ordni tal-konfiska tal-proprjetà kollha tiegħu, kemm mobbli kif ukoll immobbli, magħmula bis-saħħa ta' sentenza datata sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Pierre Cremona****.*

Rat ir-Risposta tal-**Avukat Ġenerali** u tal-**Kummissarju tal-Pulizija** (minn issa 'l quddiem "l-intimati"), li ġiet ippreżentata fit-23 t'Awwissu, 2016, li biha eċċepew:

*1. Preliminarjament l-esponent Avukat Ġenerali jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża ġialadarba l-artikolu 22C(5) tal-Kap. 101 jistabbilixxi b'mod ċar illi huwa l-Kummissarju tal-Pulizija li jrid jirrispondi għal dawn it-tip ta' rikorsi u għalhekk huwa evidenti li l-Avukat Ġenerali għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*2. Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fuq il-mertu jiġi rilevat li l-prova tal-provenjenza leċita ta' din il-proprjetà u l-akkwist leċitu tagħha tispetta lir-rikorrent;*

*3. Illi fi kwalunkwe każ u peress li f'dan l-istadju r-rikorrent għadu ma ġabx il-provi kollha dwar il-leċità tal-proprjetà in kwistjoni, l-esponent jirrileva li r-rikors promutur huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u għalhekk l-esponent jopponi l-akkoljiment tat-talba tar-rikorrent;*

*4. Illi in vista tas-suespost it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri wara li l-esponent ikollu l-opportunità li jikkontrolla l-provi tar-rikorrent u x-xhieda li elenka fir-rikors u wara li jingħata lilu l-opportunità li jivverifika kwalunkwe dokument ieħor li r-rikorrenti jesebixxi waqt is-smigħ tal-kawża.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Marzu, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Il-kawża odjerna saret *ai termini* tal-artikolu 22Ċ tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li r-rikorrent kien instab ħati ta' reat taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u konsegwenza tal-istess kien ikkundanat għal perijodu ta' priġunerija effettiv ta' seba' snin u nofs, għall-ħlas ta' multa ammontanti għal għoxrin elf Euro (€20,000), kif ukoll għall-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u ta' kull flejjes jew proprjetà oħra mobbli jew immobbli tar-rikorrent.

Ir-rikorrent qiegħed jitlob ir-rilaxx tal-proprjetà milquta bl-ordni ta' konfiska favur il-Gvern in vista tal-fatt li din kienet ġiet akkwistata minnu qabel ir-reat u għaldaqstant ma tikkostitwixxix proprjetà li ġiet akkwistata bis-saħħa ta' profitt jew dħul mill-għemil tar-reat li hu kien instab ħati tiegħu, kif ukoll minħabba li wħud mill-assi milquta bl-imsemmija sentenza ma jappartjenux lilu iżda lill-membri tal-familja tiegħu.

## Provi u riżultanzi

Il-Qorti rat id-dokumenti esebiti mir-rikorrent, fosthom is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Mejju, 2016 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta *vs.* Pierre Cremona**[1] li permezz tagħha r-rikorrent instab ħati tal-akkużi miġjuba kontrih, u fejn fost pieni oħra, il-Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà oħra mobbli u immobbli tar-rikorrent.

[1] *A fol.* 7 tal-proċess.

Ir-rikorrent esebixxa kopja tan-nota tal-insinwa bin-numru 6263/1995[2] li permezz tagħha ġie insinwat it-trasferiment lir-rikorrent Pierre Cremona u Iris Ciantar (illum martu), tat-tromba tat-taraġ mal-plot numru tmienja (8) f'Saint Thomas Street, il-Fgura, kif ukoll l-arja ta' garaxx bla numru u bla isem, f'Saint Thomas Street, il-Fgura, konfinanti mal-plot numru tmienja (8) fl-istess triq, mis-soċjetà Gerit Company Limited, it-tnejn mibnija fuq il-plot numru disgħa (9) formanti parti mill-għalqa imsejħa 'Ta' Zilfa'. Il-Qorti rat ukoll in-nota tal-insinwa bin-numru 16491/2008[3] li permezz tagħha ġie insinwat il-bejgħ li sar fit-30 ta' Ġunju, 2008 minn numru ta' individwi favur Pierre u Iris Cremona ta' settima (1/7) parti indiviża ta' fond bin-numru uffiċjali tlettax (13), li qabel kien iġib in-numru sebgħa (7) fi Triq il-Palma, Ħal Tarxien, bl-arja libera tiegħu, inkluż il-kantina.

Ġiet esebita wkoll kopja tan-nota tal-insinwa bin-numru 3261/2009[4] li permezz tagħha ġie insinwat it-trasferiment lir-rikorrent u lil martu ta' tmintax minn tmienja u għoxrin parti indiviżi (18/28) mill-fond bin-numru uffiċjali tlettax (13) li qabel kien iġib in-numru sebgħa (7), fi Triq il-Palma, Ħal Tarxien, permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni tas-16 ta' Jannar, 2009 fl-atti tan-nutar Ivan Barbara.[5]

Il-Qorti rat l-*affidavit* tar-rikorrent **Pierre Cremona**[6], fejn għamel riferiment għall-fatt li xi snin ilu hu kien tressaq il-Qorti akkużat bi traffikar tad-droga. Ir-rikorrent qal li hekk kif bdiet il-kumpilazzjoni tiegħu quddiem il-Qorti tal-

---

[2] *A fol.* 19 tal-proċess.
[3] *A fol.* 20 tal-proċess.
[4] *A fol.* 21 tal-proċess.
[5] Kopji tal-kuntratti relattivi ġew esebiti minn **Mark Farrugia**, in rappreżentanza tar-Reġistru Pubbliku, fl-udjenza tal-5 ta' April, 2017 u jinsabu *a fol.* 549 *et seq* tal-proċess.
[6] *A fol.* 45 tal-proċess.

Maġistrati, il-Qorti kienet ordnat l-iffriżar tal-assi kollha tiegħu, filwaqt li meta ngħatat is-sentenza definittiva mill-Qorti Kriminali, kien ġie deċiż li l-assi li ġew milquta mill-ordni ta' iffriżar, jiġu kkonfiskati favur il-Gvern ta' Malta. Ir-rikorrent qal li dawn l-assi mhumiex provenjenti minn flejjes ġejjin mit-traffikar tad-droga, iżda ġew akkwistati bis-saħħa tax-xogħol tiegħu jew b'titolu ta' donazzjoni. Ir-rikorrent xehed li l-fond bin-numru tlettax (13), Triq il-Palma, Ħal Tarxien, mhux kollu proprjetà tiegħu, minħabba li din id-dar hi proprjetà ta' omm il-mara tiegħu, Wenza Ciantar u ta' żewġha Emanuel. Hu qal li hu u martu akkwistaw porzjonijiet indiviżi minn din id-dar permezz ta' xiri ta' settima indiviża, u sussegwentement b'titolu ta' donazzjoni meta ħut il-mara tiegħu iddonaw is-sehem ta' 18/28 mill-istess proprjetà favur tar-rikorrent u martu.

Ir-rikorrent xehed li t-tromba tat-taraġ u l-garaxx li jinsabu fi Triq San Tumas, il-Fgura, ġew akkwistati minnu fis-sena 1995 meta kien għadu ġuvni, u li dawn huma proprjetà parafernali tiegħu. Hu jgħid li dak iż-żmien kien jaħdem, u li din il-proprjetà żgur li ma ġietx akkwistata bi flejjes ġejjin mit-traffikar tad-droga.

Ix-xhud qal ukoll li d-depożitu ta' għaxart elef Euro (€10,000) li kien iddepożita l-Qorti sabiex jingħata l-ħelsien mill-arrest, kienu flus mislufa lilu minn familjari tiegħu, u li meta titneħħa l-Ordni tal-Iffriżar minn fuqhom, hu jrid iroddhom lura lil min silifhomlu. Aktar tard matul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri, irriżulta li r-rikorrent qiegħed jiffaċċja għadd ta' akkużi ġodda, fosthom il-ksur tal-kundizzjonijiet li bis-saħħa tagħhom hu ngħata l-libertà proviżorja, bir-riżultat li dawn il-flejjes x'aktarx li ser jiġu kkonfiskati favur il-Gvern ta' Malta. Ir-rikorrent għamel riferiment ukoll għall-poloz tal-

assigurazzjoni mas-soċjetà La Valette Sicav plc, u qal li dawk huma poloz miftuħa għat-tlett itfal tiegħu u tal-mara tiegħu, u li dawn il-poloz kien fetaħhom meta kellu impjieg fiss bħala *sprayer* tal-karozzi. Ir-rikorrent ikkonkluda li dawn l-assi għandhom jiġu ritornati lilu minħabba li hu kien akkwistahom biss meta kien jaħdem u li dawn ma nxtrawx jew ġew akkwisati bis-saħħa ta' xi attività illeċita.

Fl-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2017 xehed **Joseph Saliba**[7] rappreżentant ta' JobsPlus li ppreżenta dokumenti bl-*employment history* tar-rikorrent.

Il-Qorti semgħet ukoll lix-xhud **John Micallef**, rappreżentant tad-Dipartiment tat-Taxxa, jixhed fl-udjenza tal-24 ta' Frar, 2017, li esebixxa r-*returns* tat-taxxa tar-rikorrent għas-snin 1991-1998.[8] Fl-udjenza tal-5 ta' April, 2017 xehed **Paul Scicluna**[9], in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-VAT, li kkonferma li r-rikorrent kien irreġistrat mad-Dipartiment tal-VAT sat-28 ta' Frar, 2010. Fl-istess udjenza xehdet **Ruth Agius**[10] mill-BOV Asset Management, li qalet li Pierre Cremona kellu xi poloz tal-assigurazzjoni, ilkoll irreġistrati f'ismu, waħda mibdija fil-15 ta' Ottubru, 2008 u oħra li nbdiet fil-15 ta' Ġunju, 2009. Ix-xhud ma kinitx f'pożizzjoni li tgħid dawn il-poloz meta mistennija jimmaturaw.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha kompriżi fil-kompendju tal-assi tar-rikorrent[11] li ġie esebit mill-avukat **Elizabeth Quintano**[12] in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, li kien sar fl-istadju tal-ġbir tal-provi tal-proċeduri kriminali. Minn dan il-kompendju rriżulta li r-rikorrent għandu

---

[7] *A fol.* 48 u 50 *et seq.* tal-proċess.
[8] *A fol.* 58 u 60 *et seq.* tal-proċess.
[9] *A fol.* 110 tal-proċess.
[10] *A fol.* 147 tal-proċess.
[11] *A fol.* 156 tal-proċess.
[12] *A fol.* 155 tal-proċess.

kont bankarju uniku fil-Bank of Valletta fejn hemm iddepożitat l-ammont ta' €17.06. Hemm numru ta' investimenti konsistenti f'poloz tal-assigurazzjoni, waħda minnhom mal-Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd, li ilha *out of force* mill-2001. Irriżultaw ukoll tliet investimenti taħt il-Valletta Fund Management, li huma wieħed għall-valur ta' €143.16 fil-La Valletta Funds Sicav plc, wieħed għall-ammont ta' €516.90 fil-Vilhena Funds Sicav plc, u ieħor għall-ammont ta' €456.19 fil-Wignacourt Funds Sicav plc.[13]

Irriżulta wkoll li r-rikorrent, apparti l-proprjetajiet elenkati minnu fir-rikors promotur, kien akkwista garaxx internament markat bin-numru 25 li jinstab f'*upper basement level* u li jifforma parti minn korp bini li fih sitt livelli ta' bini, bla numru uffiċjali u bla isem fi Triq Santa Katerina, kantuniera ma' Triq Dun Nerik Mahoney, il-Qrendi, liema garaxx kien ġie akkwistat permezz ta' kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-nutar Sean Critien tal-21 ta' Lulju, 2008 migħand Anthony Cardona, Christef Company Limited, Cardona Holdings Limited u Polidano Brothers Limited.

Mill-imsemmi kompendju rriżulta wkoll li r-rikorrent għandu żewġ garanziji favur il-Bank of Valletta, waħda fl-ammont ta' LM6,000 konsistenti f'ipoteka ġenerali fuq il-proprjetà kollha tar-rikorrent u martu, u ipoteka speċjali fuq il-*maisonette* bla isem li jġib in-numru 9 li jinstab fi Triq San Tumas il-Fgura, liema proprjetà tappartjenti lir-rikorrent u lil martu fl-ishma ta' nofs indiviż kull wieħed. Irriżulta wkoll li r-rikorrent għandu garanzija oħra għall-ammont ta' LM6,000, għal faċilitajiet ta' *overdraft* mogħtija mill-Bank of Valletta lil Pierre Cremona, konsistenti f'ipoteka ġenerali fuq il-proprjetà kollha tad-debitur u ta' martu, u ipoteka speċjali fuq il-*maisonette* bla isem li jġib in-

[13] *A fol.* 196 tal-proċess.

numru 9, li jinstab fi Triq San Tumas, il-Fgura, mibnija fuq il-plot numru 9 ta' art magħrufa bħala 'Taz-Zilfa', liema *maisonette* jappartjeni lir-rikorrent u lil martu fl-ishma ta' nofs indiviż kull wieħed.

Irriżulta wkoll li r-rikorrent għandu rreġistrati f'ismu żewġ vetturi, DAE 729 li hija Ford Transit, u vettura tat-tip Renault Clio bin-numru ta' reġistrazzjoni BBP 321, kif ukoll dgħajsa b'magna Johnson ta' 20HP bin-numru S-9878.

Fit-3 ta' Mejju, 2017, xehed **Johann Cremona**[14], ħu r-rikorrent, li xehed li meta ħuh kien tressaq il-Qorti b'akkużi relatati mat-traffikar tad-droga, il-mara tiegħu Iris Cremona kienet avviċinat lix-xhud sabiex dan jislifhom il-flus sabiex ir-rikorrent seta' jinħareġ fuq *bail,* u x-xhud kien għadda l-flus lill-mara ta' ħuh biex dan seta' joħroġ fuq pleġġ.

Fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2017, il-Qorti semgħet lil **Michael Borg Costanzi**[15] in rappreżentanza ta' Citadel Insurance plc, li xehed li r-rikorrent kellu żewġ poloz mas-soċjetà assiguratriċi imsemmija, u li r-rikorrent ma kellu l-ebda *claims* miftuħa jew flus x'jieħu mingħandha.

Fl-istess udjenza xehed ir-rikorrent **Pierre Cremona**[16] li qal li hu kien ilu jaħdem minn meta kien għad għandu ħmistax-il sena bħala *sprayer* tal-karozzi, u li wara xi żmien beda jaħdem l-għamara, sakemm kien hemm żmien li fih ħa bar/*take away* u beda anki jimpjega miegħu tlieta min-nies. Hu qal li dawn ix-xogħlijiet kienu jrendulu introjtu tajjeb, u li hu għandu tlett itfal li jrabbi b'mod tajjeb ħafna. Ir-rikorrent xehed ukoll li l-għaxart elef Euro (€10,000) biex sar il-

[14] *A fol.* 105 tal-proċess.
[15] *A fol.* 591 tal-proċess.
[16] *A fol.* 593 tal-proċess.

ħlas għall-pleġġ kien ħariġhomlu ħuh, u li minħabba li ħuh għandu negozju, dan ma xtaqx li d-depożitu l-Qorti jkun fuq ismu, minħabba fir-riskju li jitlef il-liċenzja, u li kien għalhekk li r-rikorrent iddepożita l-flus f'ismu.

Il-Qorti semgħet ukoll lill-**Ispettur Frank Anthony Tabone**[17] jixhed fl-udjenza tad-9 ta' Frar, 2018 li qal li hu stazzjonat mad-*Drug Squad,* li qal li fl-20 t'Awwissu, 2015, ir-rikorrent kien tressaq b'arrest mill-Ispettur Gabriel Micallef akkużat li fid-19 t'Awwissu, 2015 kellu fil-pussess tiegħu pjanta tal-cannabis f'ċirkostanzi li jindikaw li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu. Ix-xhud qal li l-każ tkompla minnu wara li l-Ispettur Gabriel Micallef ma baqax fil-Korp, u li l-każ għadu fi stadju ta' kumpilazzjoni. Ix-xhud qal li f'dawk il-proċeduri ukoll intalab l-iffriżar tal-assi tar-rikorrent, u li l-prosekuzzjoni tiegħu quddiem il-Qorti bdiet wara li fil-vettura misjuqa mir-rikorrent instabu sitt mija u ħamsin gramma cannabis (650 grms). Ix-xhud ippreżenta wkoll kopja tal-akkuża[18] li permezz tagħha r-rikorrent tressaq il-Qorti mill-ġdid, u fejn il-Qorti ntalbet sabiex mhux biss tapplika l-piena stabbilita mil-liġi fil-konfront tal-akkużat (ir-rikorrent fil-proċedura odjerna), iżda ntalbet ukoll "tissekwestra b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew huma proprjetà tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan *ai termini* tal-artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[17] *A fol.* 606 tal-proċess.
[18] *A fol.* 609 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehed **l-Ispettur Herman Mula**[19], li qal li hu għamel żmien stazzjonat fl-Iskwadra kontra d-Droga u li fis-16 ta' Mejju, 2014 kien ġie esegwit mandat ta' tfittxija fil-vettura misjuqa mir-rikorrent wara li dan kien segwit minn membri tal-istess skwadra waqt li kien ħiereġ minn residenza f'Ħal Balzan. Mill-vettura ġie elevat pouch b'€10,055 (għaxart elef u ħamsa u ħamsin Euro) fih, u meta l-membri tal-Iskwadra kontra d-Droga marru fir-residenza tar-rikorrent, instabet pistola kif ukoll boroż li kien suspettat li hemm traċċi ta' drogi fihom. Kien hemm ukoll imwieżen elettroniċi. Ix-xhud qal li saret investigazzjoni oħra f'*showroom* tal-karozzi li r-rikorrent għandu f'Santa Venera, u li hemmhekk instabu numru ta' *mobile telephones*, pistola oħra b'numru ta' *bullets* magħha, u li konsegwenza ta' dawn is-sejbiet, ir-rikorrent kien tressaq il-Qorti akkużat b'pussess ta' kokaina aggravat, ħasil ta' flus, ksur ta' *bail* u reċidiva. Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tal-akkużi fil-konfront tar-rikorrent[20], li fuqhom tressaq il-Qorti fit-18 ta' Mejju, 2014 akkużat b'diversi reati, fosthom pussess tad-droga kokaina, atti ta' *money laundering,* pussess ta' arma tan-nar u munizzjon mingħajr liċenzja, ksur tal-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest u r-reċidiva. Waħda mit-talbiet speċifiċi lill-Qorti kienet sabiex, " ... tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew huma proprjetà tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan *ai termini* tal-artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-artikolu 5(1)(a)(b) u 5(1) u 5(2) tal-Att kontra l-*Money Laundering*, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta."

---

[19] *A fol.* 611 tal-proċess.
[20] *A fol.* 616 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Fil-kawża odjerna, ir-rikorrent għamel talba speċifika taħt id-dispost tal-artikolu 22Ċ tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-Qorti teħles mill-effetti tal-konfiska ordnata mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli jew immobbli tar-rikorrenti *ai termini* tal-paragrafu 3A tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101. Kif stabbilit diversi drabi f'diversi sentenzi mogħtija minn dawn il-Qrati f'materja simili għal dik odjerna, bħal fil-kawża fl-ismijiet **Francis Muscat *vs.* Kummissarju tal-Pulizija**, mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-31 ta' Mejju, 2010:

> "F'dik il-proċedura, jispetta lir-rikorrent li qed jitlob ir-revoka tal-ordni tal-konfiska li jressaq il-provi tiegħu fi grad biżżejjed biex titwemmen li l-beni li jrid li jinħelsu minn konfiska ma kienx miksub minn flejjes jew qligħ marbut ma' profitt jew dħul minn għemil ta' reat u għalhekk irid ikun ir-rikorrenti li jagħmel il-prova tal-provenjenza leċita tal-proprjetà jew l-akkwist leċitu tagħha. Ladarba il-leġislatur ħaseb sabiex il-proċediment jinstema' minn Qorti ta' kompetenza ċivili u ladarba l-liġi stess tgħid li għal dan il-proċediment japplika l-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta il-grad ta' prova rikjesta huwa dak tal-bilanċ ta' probabilitajiet viġenti fi proċedura ċivili u mhux dak rigoruż tal-proċediment penali."

Il-Qorti qiegħda tintalab tagħmel evalwazzjoni tal-provi mressqin quddiemha, sabiex tasal għal deċiżjoni dwar jekk l-assi tar-rikorrent li preżentement jinstabu milqutin b'ordni ta' konfiska, għandhomx jintraddu lura lir-rikorrent, bil-konsegwenza li deċiżjoni bħal dik titqies bħala trasferiment tat-titolu ta' dak il-ġid mill-Gvern għal għand ir-rikorrent. F'dan il-kuntest, il-Qorti tirrileva li l-prova li jrid iġib ir-rikorrent dwar il-provenjenza tal-ġid tiegħu ma tridx tkun waħda vaga jew dgħajfa, iżda trid tkun waħda li, tenut kont li r-rikorrent instab ħati tal-akkużi miġjuba kontrih, kif ukoll qiegħed jiffaċċja akkużi ġodda

bil-konsegwenza li reġa' hemm ordni ta' iffriżar fuq l-assi tiegħu, ma tħalli l-ebda dubju li dawk l-assi fil-fatt inkisbu b'mod leċitu u minn sorsi nodfa mill-kriminalità.

Ir-rikorrent għamel it-talba tiegħu fir-rigward ta' tliet proprjetajiet speċifiċi, kif ukoll fir-rigward tal-flejjes li ġew iddepożitati l-Qorti u xi poloz tal-assigurazzjoni u investimenti oħrajn. Il-Qorti kkunsidrat li l-proprjetà konsistenti minn tromba tat-taraġ u l-arja ta' garaxx ġewwa Triq San Tumas, il-Fgura kienu ġew akkwistati fis-sena 1995, fi żmien meta r-rikorrent kien jaħdem bi qligħ u meta r-reati li ġie mixli bihom kienu għadhom 'il bogħod milli jseħħu. Madanakollu jirriżulta, mill-provi esebiti, li fuq din il-proprjetà inbena *maisonette*, tant li dan l-istess *maisonette* mibni fuq il-plot bin-numru disgħa (9) fi Triq San Tumas, il-Fgura, qiegħed iservi biex jagħmel tajjeb għal dejn u faċilitajiet bankarji li ngħata r-rikorrent, tant li hu milqut minn ipoteka speċjali. Ir-rikorrent ma ressaq l-ebda prova dwar meta nbena dan il-*maisonette*, u għalhekk il-Qorti mhix f'pożizzjoni li tistabbilixxi li fiż-żmien li fih inbena dan il-*maisonette*, ir-rikorrent kien qiegħed jutilizza flus 'nodfa' provenjenti minn xogħol jew negozju li hu kien qiegħed jiġġestixxi. In vista tan-nuqqas ta' tali prova, il-Qorti ma tistax minn jeddha tassumi li dan il-*maisonette* fil-fatt inbena fiż-żmien meta r-rikorrent kien għadu ma qabadx it-triq li qabad, jew meta kien qiegħed jaħdem bi qligħ, u għalhekk mhijiex ser tirrevoka l-konfiska tiegħu.

Proprjetà oħra milquta bl-ordni ta' konfiska inkwistjoni hija dik bin-numru 13 (ġià 7), Triq il-Palma, Ħal Tarxien, li r-rikorrent akkwista ishma indiviżi tagħha, fl-ewwel lok kwantu għal sehem wieħed minn sebgħa (1/7) b'titolu ta' xiri u bejgħ, u fit-tieni lok akkwista tmintax minn tmienja u għoxrin sehem (18/28)

b'titolu ta' donazzjoni mingħand familjari tal-mara tiegħu. Il-Qorti tikkunsidra li minkejja li dan l-akkwist seħħ ftit xhur qabel l-akkużi miġjuba kontra r-rikorrent, tenut kont l-ammonti dikjarati tal-prezz tal-bejgħ, u l-fatt li parti sostanzjali minn din il-proprjetà ddevolviet fuq ir-rikorrent u martu b'titolu ta' donazzjoni, din il-proprjetà m'għandhiex tibqa' milquta minn ordni ta' konfiska favur il-Gvern ta' Malta, u għalhekk għandha tintradd lura lir-rikorrent.

Fir-rigward tal-flejjes iddepożitati l-Qorti li r-rikorrent jgħid li huma flejjes mislufa lilu minn ħuh, iżda li ġew iddepożitati l-Qorti f'isem ir-rikorrent, il-Qorti tikkunsidra li ma nġabet l-ebda prova għajr għal sempliċi dikjarazzjoni li għamel Johann Cremona li dawn il-flejjes fil-fatt ħariġhom hu u mhux ir-rikorrent. In vista tal-fatt li r-rikorrent fi proċeduri li għadhom pendenti, jinsab akkużat b'għadd ta' reati, fosthom il-ħasil tal-flus, din il-Qorti mhix konvinta dwar il-provenjenza tal-flejjes li hemm iddepożitati l-Qorti u lanqas mill-provenjenza tal-investimenti l-oħra f'isem ir-rikorrent, u għaldaqstant tikkunsidra li dawn għandhom jibqgħu kkonfiskati f'isem il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti tiqis wkoll li skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22Ċ tal-Kap. 101, kawżi ta' din ix-xorta għandhom jiġu istitwiti kontra l-Kummissarju tal-Pulizija, u għaldaqstant qiegħda teħles lill-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju.

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;**

**2. Tilqa' t-talba tar-rikorrent limitatament għal dak li jirrigwarda l-fond bin-numru tlettax (13) ġià numru sebgħa (7), Triq il-Palma, Ħal Tarxien, filwaqt li ma tilqax it-talba tar-rikorrent fir-rigward tal-proprjetajiet l-oħrajn indikati minnu, senjatament il-fond bin-numru 9, Triq San Tumas, il-Fgura, u l-flejjes iddepożitati l-Qorti u l-investimenti li kellu r-rikorrent f'ismu;**

**3. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa jibgħat kopja ta' din id-deċiżjoni lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet.**

**Spejjeż ta' din il-proċedura a karigu tar-rikorrent.**

Moqrija.